

L-Erbgħa, 11 ta' Marzu 2009

95. Jikkunsidra li l-kriżi attwali ma tridx tipprekludi r-responsabilitajiet tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-promozzjoni tal-iżvilupp internazzjonali u l-ġlieda kontra l-faqar dinji; iwissi li r-riskju li mmorru lura għal politiki protezzjonisti jrid ikun evitat; jenfasizza li l-isforz ta' rkupru dinji jista' jissaħħaħ bil-kbir permezz tal-konklużjoni fwaqtha tal-Laqgħa ta' Doha ta' negozjati dwar il-kummerċ;

*

* *

96. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Bank Ewropew għall-Investment, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-President tal-Eurogrupp

Politika ta' Koeżjoni: Investiment fl-ekonomija reali

P6_TA(2009)0124

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-Politika ta' Koeżjoni: Investiment fl-ekonomija reali (2009/2009(INI))

(2010/C 87 E/19)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' novembru 2008 bl-isem ta' "Pjan Ewropew għall-Irkupru Ekonomiku" (COM(2008)0800),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Diċembru 2008 bl-isem ta' "Il-Politika ta' Koeżjoni: ninvestu fl-ekonomija reali" (COM(2008)0876),
- wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-istaff tal-Kummissjoni tal-14 ta' Novembru 2008 dwar Reġjuni 2020 - evalwazzjoni tal-isfidi futuri għar-reġjuni tal-UE (SEC(2008)2868),
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew tal-11 u t-12 ta' Diċembru 2008,
- wara li kkunsidra l-Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Kunsill li jemenda ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni, rigward ċerti dispożizzjonijiet relatati mal-ġestjoni finanzjarja (COM(2008)0803),
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1081/2006 dwar il-Fond Soċjali Ewropew biex jestendi t-tipi ta' spejjeż eliġibbli għal kontribut mill-FSE (COM(2008)0813),
- wara li kkunsidra l-Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1080/2006 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali fir-rigward tal-eliġibbiltà tal-effiċjenza fl-enerġija u l-investimenti fl-enerġija rinovabbli fid-djar (COM(2008)0838),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A6-0075/2009),

L-Erbgħa, 11 ta' Marzu 2009

- A. billi l-ekonomija Ewropea qed tbat i mill-konsegwenzi tal-kriżi finanzjarja globali u mill-iktar reċessjoni mifruxa u serja ta' dawn l-aħħar 60 sena,
- B. billi l-politika ta' koeżjoni tal-UE tagħti kontribut importanti lill-Pjan ta' Rkupru għall-Ekonomija Ewropea u hija l-ikbar sors ta' investment tal-Komunità fl-ekonomija reali, li jipprovi għajjnuna mmirata sabiex ikunu indirizzati b'zonnijiet u oqsma prijoritarji b'potenzjal ta' tkabbir kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat,
- C. billi l-porzjon ta' iktar minn 65 % tal-allokkazzjoni finanzjarja totali tal-politika ta' koeżjoni tal-UE għall-perjodu 2007-2013 li għettpjanata għall-investment fl-erba' oqsma prijoritarji tal-Istrateġija ta' Liżbona m'għedda tal-Unjoni għat-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi - b' mod partikolari n-nies, in-negozju, l-infras-truttura, u l-enerġija, ir-riċerka u l-innovazzjoni - tirrapreżenta għodda importanti, u billi dan it-tip ta' investment huwa essenzjali sabiex jiġi pprovdut rispons effettiv għall-kriżi finanzjarja attwali,
- D. billi r-reċessjoni attwali għandha tintuża bħala opportunità biex jiġu promossi l-investimenti u jinħolqu impjiegi favur l-ambjent,
- E. billi s-suċċess fil-mitigazzjoni tar-reċessjoni ekonomika jiddependi fuq ir-rieda tal-Istati Membri u tar-reġjuni li jimplementaw bil-ħeffa l-oġettivi tal-programmi tagħhom,
1. Jilqa' bis-sħiħ l-adozzjoni tal-Pjan Ewropew għall-Irkupru Ekonomiku li jagħti linji ġenerali għal azzjoni koordinata mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni biex tiġi ffaċċjata l-kriżi ekonomika; jikkunsidra li l-Pjan huwa bbażat fuq il-prinċipju tas-solidarjetà u l-ġustizzja soċjali u m'għandux imur kontra l-Istrateġija ta' Liżbona, u li l-miżuri proposti fih se jikkontribwixxu għal riformi strutturali iktar fil-fond u fuq medda twila ta' żmien;
 2. Jikkunsidra li l-politika ta' koeżjoni tal-UE, peress li hija politika mmirata biex tiżgura t-tkabbir ekonomiku u l-iżvilupp soċjali, u biex tistimula realment l-ekonomija fuq medda ta' żmien twila, medja u qasira, tista' tikkontribwixxi b'mod importanti biex tingħeleb il-kriżi finanzjarja attwali u biex wieħed jaħdem lejn irkupru tal-Istati Membri u tar-reġjuni, inklużi daww bi żvantaġġi permanenti;
 3. Jenfasizza l-fatt li l-Fondi Strutturali huma għodda qawwija, maħsuba biex tgħin lir-reġjuni fl-istrutturar mill-ġdid ekonomiku u soċjali tagħhom u biex b'hekk jiġu implimentati l-azzjonijiet taħt l-erba' oqsma ta' prijorità tal-Pjan sabiex tiġi msaħħa l-ekonomija, u japprova l-użu tagħhom, minflok l-invenzjoni mgħaġġla ta' għodod ekonomiċi għodda; jinnota li dawn l-azzjonijiet jikkumplementaw lil daww li sar impenn għalihom fuq livell nazżjonali; jemmen li minħabba l-persjoni sinifikanti fuq il-baġits nazżjonali, il-fondi u l-intervenzjonijiet tal-politika ta' koeżjoni tal-UE għandhom jiġu aċċellerati, sabiex tingħata spinta f'waqtha lill-ekonomija u biex jiġi provvdut appoġġ, speċjalment għal persuni milquta mill-kriżi;
 4. Jappoġġja l-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni li huma paralleli u kumplementari għall-Pjan Ewropew ta' Rkupru Ekonomiku, biex jiġu emendati tlieta mir-Regolamenti tal-Fondi Strutturali eżistenti 2007-2013 (Regolamenti (KE) Nru 1083/2006, Nru 1080/2006 u Nru 1081/2006); jappoġġja bis-sħiħ it-tibdil propost bil-għan li jittejbu l-fluss u l-likwidità tal-flus fl-Istati Membri, jiġi faċilitat l-użu ta' strumenti ta' inġinerija finanzjarja, jiġu estiżi l-possibilitajiet għal appoġġ għall-investment fl-effiċjenza tal-enerġija u l-enerġija rinnovabbli fid-djar u tiżdied il-flessibilità tal-Fondi Strutturali biex dawn jiġu adattati għall-b'zonnijiet taċ-ċirkostanzi ekonomiċi straordinari b'perspettiva fuq medda twila ta' żmien;
 5. Jitlob lill-Kummissjoni biex tissorvelja mill-qrib il-miżuri ekonomiċi meħuda mill-Istati Membri, sabiex jiġi żgurat li dawn ma jiksrux il-kompetizzjoni libera tas-swieq, u l-istandards soċjali li kienu pilastri essenzjali tal-integrazżjoni Ewropea sa mill-bidu nett, kif ukoll biex tissorvelja l-implimentazzjoni tar-reqwiżiti tal-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar l-ambjent u l-ħarsien tal-ambjent;
 6. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-miżuri adottati biex l-implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni tkun iktar mgħaġġla, sempliċi u flessibbli ma jnaqqas mir-responsabilità tagħhom li jissorveljaw l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri;

L-Erbgħa, 11 ta' Marzu 2009

7. Jilqa' t-twaqqif mill-Kummissjoni ta' grupp ta' esperti ("*task force* għas-simplifikazzjoni") li jaħdem fuq simplifikazzjoni ulterjuri possibbli tal-proċeduri għall-implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali; jistenna b'ħerqa proposti ta' simplifikazzjoni ulterjuri mill-Kummissjoni previsti għall-bidu tal-2009;
8. Jistieden lill-Istati Membri u lir-reġjuni biex jagħtu garanzija li l-prinċipju ta' sħubija stipulat fl-Artikolu 11 tar-Regolament ġenerali dwar il-Fondi Strutturali (Regolament (KE) Nru 1083/2006) ikun applikat bis-sħiħ u li r-rekwiżit ta' involviment sħiħ tal-imsieħba jkun irrispettat;
9. Jenfasizza l-irwol importanti ta' organizzazzjonijiet fil-livell lokali, ta' NGOs u tal-ekonomija soċjali fil-promozzjoni tal-koeżjoni u l-inklużjoni soċjali, partikolarment matul żminijiet ta' kriżi ekonomika; jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura li kull simplifikazzjoni tal-Fondi Strutturali tnaqqas il-piż amministrattiv fuq dawn l-organizzazzjonijiet;
10. Huwa partikolarment imħasseb dwar l-impatt territorjali differenti li għandha l-kriżi madwar it-territorju Ewropew, u dwar l-impatt iktar qawwi li hija għandha fuq l-Istati Membri li diġà għandhom livell ta' għajxien iktar baxx mill-medja tal-UE, u jhegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jikkunsidraw b'mod xieraq l-objettiv tal-koeżjoni territorjali fl-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' miżuri konkreti għall-ġlieda kontra l-kriżi ekonomika; jitlob b'mod partikolari lill-Kummissjoni biex tiżgura bilanċ ġeografiku adegwat meta tippreżenta lista ta' proġetti speċifiċi, mitluba mill-Kunsill Ewropew għat-tisħiħ tal-investimenti fl-infrastruttura u tal-effiċjenza tal-enerġija;
11. Jikkunsidra li miżuri, bħall-flessibilità u l-aċċelerazzjoni tal-ħlasijiet, l-użu ta' ħlasijiet ta' somom ta' flus uniċi u ta' rati fissi għandhom jistimulaw l-implimentazzjoni tal-politika, speċjalment fis-setturi tal-infrastruttura, tal-enerġija u tal-ambjent, kif ukoll fil-proġetti ESF; jikkunsidra illi, f'dan ir-rigward, il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Istati Membri bi gwida ċara; jiddispijaċih madankollu li ma tqisux miżuri importanti oħra, bħall-proposti għal żieda attwali u immedjata tal-likwidità fil-post, permezz ta' interventzjoni iktar wiesgħa fis-snin li ġejjin dwar ħlasijiet interim;
12. Jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta tal-Kummissjoni biex iżżid il-ħlasijiet bil-quddiem, sabiex tħaffef l-implimentazzjoni ta' proġetti billi tipprovdi riżorsi finanzjarji fi stadju bikri tal-implimentazzjoni ta' proġett u b'hekk tnaqqas il-ħtieġa għal self mill-banek; ihegġegħ madankollu lill-banek u lill-istituzzjonijiet finanzjarji biex jagħmlu użu sħiħ mill-faċilitajiet mogħtija lilhom biex iżommu u jappoġġjaw is-self lill-ekonomija u jgħaddu tnaqqis fir-rati tal-interessi prinċipali lis-selliefa;
13. Jenfasizza b'mod qawwi l-irwol pożittiv li l-politika ta' koeżjoni jista' jkollha fit-tisħiħ tas-solidarjetà u t-trawwim mill-ġdid tal-fiduċja billi tintroduċi miżuri sabiex ikun hemm investment pubbliku biex tingħata spinta lid-domanda interna;
14. Jistieden lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali sabiex jiggarantixxu l-kontribut tagħhom kif meħtieġ mir-regoli tal-kofinanzjament, sabiex il-fondi allokatu mill-Fondi Strutturali jkunu jistgħu jiġu sfruttati bis-sħiħ;
15. Jenfasizza l-importanza ta' miżuri bħala appoġġ għal persuni u negozji, iżda fuq kollox għall-impjeg, sabiex ikun hemm irkupru ekonomiku b'suċċess; jitlob biex tittieħed azzjoni deċiżiva biex tiġi appoġġjata t-talba fl-ekonomija, kif ukoll miżuri ta' għajjnuna għall-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju (SMEs), għall-intrapriżi ta' ekonomija soċjali, u għall-awtoritajiet lokali u reġjonali ħalli tinżamm koeżjoni u jiġu salvagwardjati l-investment ewlieni u l-proġetti ta' infrastruttura; jitlob lill-Istati Membri biex jagħmlu użu wiesa' tal-Fondi Strutturali biex jiżguraw il-ħolqien tal-impjegji, jiġu l-SMEs, l-intraprenditorija u t-taħriġ professjonali;
16. Jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta li l-investimenti fl-effiċjenza tal-enerġija u l-użu tal-enerġiji rinnovabbli fid-djar għandhom ikunu eliġibbli għall-fondi ERDF madwar l-Unjoni kollha; ihegġegħ lill-Istati Membri u lir-reġjuni biex jagħmlu użu komprensiv minn din il-possibilità ġdida u biex jadattaw il-programmi operattivi tagħhom b'mod adegwat, sabiex isaħħu triqthom lejn l-iżvilupp sostenibbli u biex jinvestu fl-infrastrutturi u fl-innovazzjonijiet favur l-ambjent; jenfasizza, b'mod ġenerali, l-importanza tal-investment fl-infrastruttura tal-enerġija, li saret evidenti, pereżempju, matul il-kriżi reċenti tal-gass;

Il-Ħamis, 12 ta' Marzu 2009

17. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex jespjoraw is-sinerġiji bejn il-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni u sorsi oħra ta' finanzjament tal-Komunità (TEN-T, TEN-E, is-7 Programm ta' Qafas għar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku, il-Programm ta' Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni) kif ukoll il-finanzjament ipprovdut mill-Bank Ewropew għall-Investment u mill-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jissimplifikaw l-aċċess għall-allokazzjoni tal-fondi li joffru l-istrumenti finanzjarji JESSICA, JASMINE u JEREMIE sabiex jistimolaw l-użu iktar frekwenti tagħhom mill-SMEs u mill-benefiċjarji interessati;
18. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex telabora miżuri għat-titjib tal-fluss tal-kontanti lill-awtoritajiet responsabbli u biex iżżid l-għajnuna teknika lill-Istati Membri u l-iskambju tal-aħjar prattika bejn ir-reġjuni, sabiex tittejjeb il-kwalità tal-proġetti u l-effiċjenza tal-implimentazzjoni tal-proġetti; jenfasizza l-importanza ta' JASPERS għall-preparazzjoni tal-proġetti; jistieden lill-Kummissjoni biex tappoġġja lill-Istati Membri fir-reviżjoni, jekk din tkun neċessarja, tal-programmi operattivi tagħhom; jenfasizza madankollu l-bżonn għal tixrid immedjat tal-informazzjoni lill-awtoritajiet lokali u reġjonali dwar dawn il-modifiki;
19. Jikkunsidra l-approvazzjoni tas-sistemi nazzjonali ta' ġestjoni u kontroll mill-Kummissjoni bħala kruċjali sabiex titħaffef l-implimentazzjoni tal-programmi u jistieden lill-Istati Membri biex jiffinalizzaw il-proċess li jinfurmaw lill-Kummissjoni malajr kemm jista' jkun;
20. Jenfasizza l-irwol tal-edukazzjoni u t-taħriġ biex ikun żgurat l-irkupru tal-ekonomija għal perjodu ta' żmien twil u jitlob li l-miżuri skont l-ESF ikunu aġġornati, kemm f'termini ta' garanzija ta' iktar disponibiltà ta' riżorsi kif ukoll fl-ilhqiq ta' livell ogħla ta' flessibilità;
21. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżviluppa kriterji u standards dettaljati adegwati għal sorveljanza mill-qrib u evalwazzjoni mill-ġdid tal-effettività tal-pjanijiet ta' rkupru fil-livelli nazzjonali u reġjonali, partikolarment fir-rigward tal-konformità mar-rekwiżiti ta' trasparenza; jitlob li ssir evalwazzjoni fl-2010 tal-effettività tar-riformi wara l-adozzjoni tar-Regolamenti tal-Fondi Strutturali riveduti, sabiex tittejjeb iktar l-effiċjenza ta' dawn il-miżuri, kif ukoll li ssir analiżi tar-raġunijiet għall-problemi u d-dewmien fl-implimentazzjoni tagħhom; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tqis dawn l-osservazzjonijiet meta tkun qed tfassal il-proposti tagħha għall-ġenerazzjoni li jmiss tal-programmi tal-Fondi Strutturali;
22. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-gvernijiet tal-Istati Membri.

Karrieri aħjar u aktar mobiltà: Sħubija Ewropea għar-riċerkaturi

P6_TA(2009)0125

Risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Marzu 2009 dwar karrieri aħjar u aktar mobiltà: Sħubija Ewropea għar-riċerkaturi (2008/2213(INI))

(2010/C 87 E/20)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Mejju 2008 bit-titolu "Karrieri aħjar u aktar mobiltà: Sħubija Ewropea għar-riċerkaturi"(COM(2008)0317) flimkien mad-dokumenti ta' ħidma mill-persunal tal-Kummissjoni, jiġifieri l-Valutazzjoni tal-Impatt (SEC(2008)1911) u s-Sommarju Eżekuttiv (SEC(2008)1912) li jakkumpanjawha,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/973/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-programm speċifiku "Nies (People)" li jimplementa s-Seba' Programm ta' Qafas tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007 sal-2013) ⁽¹⁾,

(1) ĠU L 400, 30.12.2006, p. 269.